MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 3/2010

**B C**
**vs**
**A C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fil-15 ta' Lulju 2000; li l-kunsens matrimonjali tieghu huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], dak tal-konvenuta fit-termini tal-paragrafu [d], u dak tal-partijiet fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk dan iz-zwieg huwa null; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet, bl-ispejjez;

Rat ir-risposta li biha l-konvenuta cahdet dak attribwit lilha;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fil-15 ta’ Lulju 2000 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha taghha l-konvenuta qed tikkontesta r-responsabbilita’ taghha ghan-nullita’ taz-zwieg.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-15 ta’ Lulju 2002 wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa seba’ [7] xhur. F’ dak iz-zmien l-attur, cittadin Libjan, kien fuq viza temporaneja ta’ tlett xhur, u ma kienx jahdem; ghalhekk kellu problema sabiex jibqa’ jirrisjedi Malta. Biex jissorvolaw din il-problemi, il-partijiet iddecidew li jizzewwgu fi zmien qasir. Minn naha taghha l-konvenuta kienet imdejjqa hafna fid-dar tal-genituri taghha u riedet titlaq minn hemm. Fl-24 ta’ Ottubru 2002 il-konvenuta kellha tarbija li mat-twelid inghatat in adozzjoni. Wara hajja konjugali ta’ circa seba’ [7] snin il-partijiet isseparaw.

*Verzjoni Attur*
L-attur jikkonferma li huma kienu zzewwgu daqshekk malajr minn mindu saru jafu lil xulxin minhabba l-problemi tal-viza tieghu. Jikkonferma wkoll li l-konvenuta kellha hafna problemi fid-dar tal-genituri taghha u riedet titlaq. Huwa pero’ jsostni li minn naha tieghu ried li jibni familja mal-konvenuta; izda din minn naha taghha ma kienitx riedet tfal fiz-zwieg.

Eventwalment, meta, fuq insistenza tieghu hi nqabbdet tqila, beda l-inkwiet bejniethom peress li l-konvenuta ma rieditx izzomm it-tarbija, u ghalhekk, kif twieldet, it-tarbija

nghatat f' adozzjoni. Sussegwentement, l-inkwiet bejn il-partijiet aggrava peress li l-konvenuta kienet baqghet ferma fid-decizjoni taghha li ma jkollhiex tfal fiz-zwieg.

*Verzjoni Konvenuta*
Il-konvenuta tispjega li l-unika raguni li ghaliha hija zzewwget lill-attur kienet li riedet titlaq mid-dar tal-genituri taghha minghajr "ma rajt l-ebda konsegwenza"[1] Tant kienet imdejjqa d-dar li aggranfat ma' din l-okkazzjoni sabiex titlaq mid-dar. Hija tghid li ma kellhiex grazzja ma' l-attur, izda xorta wahda zzewwgitu bl-isperanza li tidrah.

Il-konvenuta tafferma li "jien minn dejjem, qatt ma ridt [tfal]" u tispjega li l-ewwel nett hi ma kienitx kuntenta ma' l-attur, u wara z-zwieg huma kienu jiggieldu hafna. "Dejjem bil-glied, u minn dejjem kien il-glied, mhux wara t-tarbija."

Tghid ukoll li peress li ma kellhiex grazzja mieghu, hi kienet riluttanti li taghmel l-att taz-zwieg mieghu, u gieghli kienet tirrifjutah. Dan ukoll kien sors ta' inkwiet bejniethom.

Rigward it-tqala tichad li hi xi darba kienet accettat li tipprova ghat-tfal, u kien l-attur li f' okkazzjoni minnhom ma kienx irtira, u kien baqa' ghaddej. Meta wara skopriet li kienet harget tqila, hi kienet tkun mdejjqa hafna, u l-glied bejniethom kompla. Hija ma rieditx it-tarbija, u mat-twelid, tghatha f' adozzjoni.

**Konsiderazzjoni tal-Qorti**
Il-Qorti f' dan il-kaz tirravviza l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat fil-konfront tal-konvenuta li, ghalkemm esternament ghaddiet minn cerimonja ta' zwieg, izda nternament u b' att pozittiv tal-volonta' taghha hija eskludiet obbligu essenzjali taz-zwieg, u cioe' dak tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied.

Mill-provi jirrizulta u ex admissis mill-konvenuta li dina zzewwget ragel ghas-skop egojstici taghha, biex titlaq

---

[1] Fol.33

mid-dar tal-genituri taghha; lanqas kellha grazzja mieghu, u zzewwgitu bl-isperanza li tidrah.[2]

Di piu' hija ma rieditx tfal fiz-zwieg minn dan ir-ragel, tant li meta twieldet it-tarbija hija mill-ewwel taghtha f' adozzjoni.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-15 ta' Lulju 2000 huwa null fil-ligi.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Dep.konvenuta fol.35